

[Paġna Ewlenija](#) > ... > [Drittijietek](#) > [Imputati \(proċeduri Kriminali\)](#) > 2 - Id-drittijiet tiegħi waqt l-investigazzjoni ta' delitt u qabel il-każ jitressaq quddiem il-qorti

2 - Id-drittijiet tiegħi waqt l-investigazzjoni ta' delitt u qabel il-każ jitressaq quddiem il-qorti

X'inhuma l-istadji ta' investigazzjoni kriminali?

L-interrogazzjoni

L-ewwel jiġu interrogati l-individwi li jkun presuppost li għandhom informazzjoni utli għall-investigazzjoni. Dawn jistgħu jinkludu l-vittma tad-delitt, il-persuna li tkun issuspettata li wettqet id-delitt, jekk ikun hemm, jew xi xhieda. Persuna li tkun issuspettata li wettqet delitt tista' tkun taħt arrest jew libera meta tiġi interrogata.

Jistgħu jittieħdu diversi tipi ta' kampjuni li jingħataw lil awtoritajiet oħrajn għall-analiżi. L-interrogazzjonijiet kollha jsiru mill-pulizija u f'każijiet eċċezzjonali biss isiru fil-preżenza ta' prosekutur. Jekk ma tkunx titkellem il-lingwa tal-pajjiż, għandu jkun hemm interpretu disponibbli. Jekk ikun hemm livell raġonevoli ta' sospett li xi ħadd wettaq delitt, din il-persuna għandha tkun infurmata dwar dak is-suspett meta tiġi interrogata.

L-arrest

Jekk il-prosekutur jikkunsidra li r-raġunijiet għas-suspett huma b'saħħithom biżżejjed, huwa jista' jiddeċiedi li għandek tkun arrestat. F'dan il-każ jeħtieġ ukoll li jkun hemm ir-riskju li, jekk tibqa' ħieles, tista' tfixx l-investigazzjoni, jew tkompli twettaq delitti oħrajn, jew tgħib. Imbagħad il-prosekutur, f'terminu speċifiku ta' żmien, għandu jew jilliberak jew jitlob lill-qorti distrettwali sabiex tordna l-arrest preventiv tiegħek.

L-arrest preventiv

Jekk inti ssuspettat li wettaq delitt aktar serju u hemm ukoll raġunijiet speċjali għalfejn għandek tinżamm arrestat, il-prosekutur jista' jitlob lill-qorti distrettwali sabiex tordna li titpoġġa taħt arrest preventiv. Is-smiġħ tal-arrest preventiv għandu jsir fi żmien erbat ijiem mill-arrest tiegħek. F'dan is-smiġħ il-qorti distrettwali tikkunsidra jekk inti għandekx tinżamm taħt arrest preventiv jew jekk għandekx tinħeles. Jekk tinżamm arrestat, l-ordni tal-arrest preventiv għandha tkun riveduta f'intervalli stipulati.

Il-kontinwazzjoni tal-investigazzjoni tal-pulizija

Irrispettivament minn jekk tinżammx taħt arrest preventiv jew le, l-investigazzjoni tkompli tiċċara jekk hemmx suspetti qawwija biżżejjed sabiex inti tiġi mħarrek. L-investigazzjoni għandha ssir malajr kemm jista' jkun, b'mod partikolari jekk inti tkun miżmum taħt arrest. Jekk ikun meħtieġ li l-investigazzjoni tkompli għaddejja għal aktar żmien, jistgħu jsiru aktar seduti ta' smiġħ tal-arrest preventiv. Meta titlesta l-investigazzjoni, il-pulizija tippreżenta l-investigazzjoni lill-prosekutur kif ukoll lis-suspettat u lill-avukat difensur tas-suspettat. Inti u l-avukat difensur tiegħek għandkom id-dritt li titolbu li kwalunkwe ħaġa li tqisu importanti tiżdied fl-investigazzjoni qabel il-prosekutur jiddeċiedi jekk iħarrkekx jew le.

It-tnejnija tal-każ mid-difiża

Inti u l-avukat tiegħek għandkom id-dritt li tipproduċu l-provi tagħkom sabiex jintużaw fil-proċess quddiem il-qorti kriminali. Inti u l-avukat tiegħek tistgħu tiltaqgħu wkoll sabiex tnejnija għas-smiġħ fil-qorti.

Il-prosekuzzjoni

Jekk il-prosekutur jemmen li għandu biżżejjed provi kontrik li jistgħu jwasslu għal kundanna, huwa għandu jibda l-prosekuzzjoni kontrik. L-atti tal-akkuża għandhom jiċċaraw liema huwa d-delitt li inti qed tkun issuspettat li wettaqt u x'att għamilt li jitqies reat kriminali. Għandhom ukoll jiċċaraw liema provi l-prosekutur ser ikun qed iressaq kontrik.

Għal aktar tagħrif dwar id-drittijiet tiegħek waqt l-istadji differenti tal-proċedura, ikklickja fuq il-links li ġejjin:

- [L-interrogazzjoni \(1\)](#)
- [L-arrest \(2\)](#)
- [L-arrest preventiv \(3\)](#)
- [Il-kontinwazzjoni tal-investigazzjoni tal-pulizija \(4\)](#)
- [It-tnejn tal-każ mid-difża \(5\)](#)
- [Il-prosekuzzjoni \(6\)](#)

L-interrogazzjoni (1)

Għalfejn il-pulizija jistgħu jkunu jridu jinterrogawni?

L-għan tal-interrogazzjoni huwa li jkun iċċarat jekk twettaqx xi delitt u, jekk iva, jekk għandek xi informazzjoni dwaru. Dan japplika kemm jekk inti xhud, vittma ta' delitt jew persuna ssuspettata.

Min ikun preżenti għall-interrogazzjoni?

Il-mistoqsijiet isiru mill-pulizija. Jista' jkun hemm pulizija wieħed jew aktar li jagħmlu l-mistoqsijiet. Normalment il-prosekutur ma jkunx preżenti waqt l-interrogazzjoni. Jekk inti ssuspettat li wettaqt xi delitt li għalih inti għandek dritt għal avukat, tista' titlob li jinħatarlek avukat u li jkun preżenti waqt l-interrogazzjoni.

Jekk ma tkunx titkellem bil-lingwa tal-pajjiż, inti intitolat ukoll għal interpretu. Il-pulizija jħallsu l-ispejjeż tal-interpretu. Normalment inti għandek tistenna sakemm ikun hemm l-avukat preżenti u sakemm ikollok l-aċċess għall-interpretu qabel twieġeb il-mistoqsijiet. Il-prosekutur jew il-pulizija jiddeċiedu min aktar għandu d-dritt li jkun preżenti waqt l-interrogazzjoni.

X'jiġri waqt l-interrogazzjoni?

Qabel tibda l-interrogazzjoni l-pulizija jgħidulek jekk intix qed tiġi interrogat bħala persuna ssuspettata jew għal xi raġuni oħra. Id-drittijiet tiegħek ma jinqrawlek. Għandek id-dritt kemm li tibqa' sieket kif ukoll li titkellem waqt l-interrogazzjoni. Kwalunkwe ħaġa li tgħid tista' tintuża kontrik. L-interrogazzjoni tista' tkun irrekordjata jew miktuba fl-għamla ta' sommarju ta' dak li tkun għidit.

Xi rwol ikollu l-avukat waqt l-interrogazzjoni?

Ir-rwol tal-avukat waqt l-interrogazzjoni huwa li jkun disponibbli sabiex iwieġeb il-mistoqsijiet tiegħek u sabiex jiggarrantixxi li l-interrogazzjoni ssir kif xieraq. L-avukat m'għandux id-dritt li jintervjeni fl-interrogazzjoni jekk issir kif xieraq. Jista', madankollu, ikun intitolat li jistaqsik xi mistoqsijiet.

Hemm xi ħaġa li hija pprojbita waqt l-interrogazzjoni?

Waqt l-interrogazzjoni, il-pulizija ma jistgħux jużaw informazzjoni li jafu li hija ħażina, jew jagħmlu wegħdiet jew joffru l-prospettiva ta' xi vantaġġi, sabiex jiksbu stqarrija ta' ħtija. Lanqas ma jistgħu jheddu lis-suspettat, iqiegħduh taħt pressjoni jew jgħajjewh apposta. Il-persuna li tkun qiegħda tiġi interrogata għandha wkoll id-dritt għall-ikel u għall-mistrieħ meħtieġ.

Kemm jistgħu jżommuni għall-interrogazzjoni?

Jekk ma tkunx taħt arrest, normalment ma titħallix tinżamm għall-interrogazzjoni għal aktar minn sitt sigħat. F'każijiet eċċezzjonali tista' tkun obbligat li toqgħod għal sitt sigħat oħra. Wara dan inti għandek id-dritt li titlaq sakemm ma tinżammx arrestat. Fil-każ ta' tfal japplikaw regoli speċjali.

Kif tintemm l-interrogazzjoni?

L-interrogazzjoni tintemm meta inti tingħata l-possibbiltà li tisma' r-reġistrazzjoni jew meta l-pulizija jaqrawlek in-noti li jkunu ħadu dwar dak li tkun għidt. Imbagħad jistaqsuk jekk dak li nkiteb jipprovdix stampa ċara ta' dak li għidt waqt l-interrogazzjoni.

X'jiġri wara l-interrogazzjoni?

Wara l-interrogazzjoni, il-pulizija jirrappurtaw lill-prosekutur jew lill-uffiċjal tal-pulizija li jkun qed imexxi l-investigazzjoni dwar dak li jirriżulta. Jekk ikun reat inqas serju, ir-rapport lill-prosekutur ma jsirx sakemm titlesta l-investigazzjoni. Jekk inti ssuspettat li wettaqt xi delitt li jista' jwassal għal arrest preventiv, spiss jintbagħat rapport lill-prosekutur wara kull interrogazzjoni. Il-prosekutur imbagħad jiddeċiedi jekk inti għandekx tkun arrestat jew meħlus.

L-arrest (2)

Meta nista' niġi arrestat?

Jekk ikun hemm raġunijiet għalfejn għandek tkun arrestat, tista' tkun arrestat waqt li l-qorti tikkunsidra l-kwistjoni tal-arrest preventiv. Dak li huwa meħtieġ sabiex inti tinżamm taħt arrest preventiv huwa spjegat f'[L-arrest preventiv \(3\)](#). Tista' tkun arrestat ukoll, minkejja li r-raġunijiet għall-arrest preventiv ma jkunux issodisfati għal kollox, jekk ikun hemm bażi raġonevoli li fuqha inti għandek tkun issuspettat li wettaqt id-delitt u jekk jitqies importanti ħafna li inti tinżamm arrestat sakemm tkompli l-investigazzjoni.

Min joħroġ il-mandat tal-arrest?

Huwa l-prosekutur li jiddeċiedi jekk għandekx tkun arrestat jew le. Għandu jkun spjegat b'mod ċar fil-mandat liema delitt inti tkun issuspettat li wettaqt u għalfejn tkun qed tiġi arrestat. Jekk il-mandat tal-arrest ma jitħassarx mill-prosekutur, huwa għandu jissottometti talba għall-arrest preventiv tiegħek lill-qorti distrettwali sa mhux aktar tard minn nofsinhar tat-tielet jum wara l-ħruġ tal-mandat tal-arrest. Inkella għandu jordna l-helsieni tiegħek. Il-qorti distrettwali għandha tordna smiġħ tal-arrest preventiv mingħajr dewmien, iżda sa mhux aktar tard minn erbat ijiem wara li tkun ġejt arrestat jew wara li l-mandat tal-arrest ikun ġie infurzat.

Min jista' jarrestani?

Jekk ikun hemm bażi għall-arrest tiegħek, uffiċjal tal-pulizija jista' jarrestak anki mingħajr mandat ta' arrest f'każijiet urġenti. Jekk tinqabad fil-fatt waqt delitt li jista' jwassal għal sentenza ta' priġunerija jew taħrab mix-xena ta' delitt simili, inti tista' tkun arrestat minn kwalunkwe persuna. L-istess japplika jekk inti tkun imfittex għal xi delitt. Il-persuna li tarrestak, madankollu, għandha tgħaddik malajr kemm jista' jkun lil xi uffiċjal tal-pulizija.

Nista' nikkonsulta ma' avukat?

Jekk tiġi arrestat, inti għandek id-dritt li titlob li jkollok avukat difensur pubbliku. Dan isir mill-qorti distrettwali fuq it-talba tal-prosekutur.

X'jiġri sakemm indum arrestat?

Sakemm iddum arrestat il-pulizija għandhom id-dritt li jagħmlulek aktar mistoqsijiet. L-istess regoli tal-ewwel sensiela ta' mistoqsijiet japplikaw hawnhekk ukoll.

Xi drittijiet għandi sakemm indum taħt arrest?

Waqt li tkun taħt arrest il-prosekutur jista' jiddeċiedi li ma titħalliex tikkuntattja lil kull min trid. Jekk teħtieġ tabib jew teħtieġ li tikkuntattja lill-ambaxxata jew lill-konsolat tiegħek, huwa d-dmir tal-pulizija li jaġixxu bħala intermedjarji f'dan. Inti dejjem intitolat ukoll li tikkuntattja lill-avukat tiegħek u li tiltaqa' miegħu mingħajr ma jkun hemm ħaddieħor preżenti. Normalment tinżamm ġo ċella tal-pulizija waqt il-perjodu tal-arrest.

L-arrest preventiv (3)

Għalfejn jista' jintalab l-arrest preventiv tiegħi?

Jekk ikun hemm raġunijiet probabbli li fuqhom inti tiġi ssuspettat li wettaqt xi delitt li għalih is-sentenza tista' tkun sena jew aktar priġunerija, jista' jintalab li inti tinżamm taħt arrest preventiv. Madankollu, għandu jkun hemm ukoll ir-riskju li inti

- taħrab jew tevita l-proċess quddiem il-qorti kriminali jew li tiskonta sentenza, jew
- waqt li tkun ħieles teqred xi provi jew b'xi mod tfixkel l-investigazzjoni tal-każ, jew
- tkompli twettaq xi delitti.

Jekk l-inqas sentenza għad-delitt tkun ta' sentejn priġunerija, normalment inti tinżamm taħt arrest preventiv sakemm ma jkunx ovvju li m'hemmx raġunijiet għall-arrest preventiv.

Irrispettivament minn kemm ikun serju d-delitt, il-qorti tista' tordna l-arrest preventiv tiegħek jekk ma tkunx magħruf u tirrifjuta li tagħti ismek u l-indirizz jew jekk ikun hemm raġuni biex wieħed jaħseb li l-informazzjoni li tajt kienet falza. Tista' tinżamm ukoll taħt arrest jekk ma jkollokx post ta' residenza fl-Isvezja u jekk ikun hemm riskju li tevita l-proċess jew li tiskonta s-sentenza billi titlaq mill-pajjiż.

F'ċerti każijiet tista' tinżamm arrestat ukoll jekk ikkun hemm biss 'bażi raġonevoli' biex jissuspettaw li inti wettaqt xi delitt. Dan huwa grad aktar baxx ta' suspett milli 'raġunijiet probabbli'.

Jekk ikun hemm raġuni biex wieħed jaħseb li s-sentenza se tkun biss multa, ma tistax tinżamm arrestat.

Hemm xi ħaġa fiċ-ċirkostanzi personali tiegħi li tista' tfisser li ma ninzammx arrestat?

Il-qorti jkollha tqis il-ħtieġa li tinżamm taħt arrest preventiv fid-dawl ta' xi jfisser għalik li tinżamm arrestat. Jekk il-konsegwenzi tal-arrest preventiv ikunu jfissru intrużjoni eċċessiva jew ħsara għalik, tista' ma tinżammx arrestat. Din il-kwistjoni tista' ssir rilevanti jekk, pereżempju, l-investigazzjoni tiegħu fit-tul.

X'jiġri jekk għandi inqas minn 18-il sena?

Hemm regoli speċjali għall-minorenni ta' bejn il-15 u t-18-il sena. Dawn ir-regoli jfissru li huma meħtieġa aktar raġunijiet biex jinżammu taħt arrest preventiv. Jew li d-delitt irid ikun serju ħafna, jew għandu jkun hemm raġunijiet oħrajn importanti ħafna sabiex jinżammu arrestati.

Għandi d-dritt li nkellem avukat u li jkolli interpretu fis-smiġħ tal-arrest preventiv?

Inti tkun personalment preżenti waqt is-smiġħ tal-arrest preventiv li jsir fil-qorti distrettwali flimkien mal-avukat difensur pubbliku tiegħek. Inti dejjem intitolat li jkollok avukat difensur pubbliku jekk ikun intalab li tinżamm taħt arrest preventiv. Jekk teħtieġ interpretu, din il-persuna wkoll tiegħu sehem fis-smiġħ u tittraduċi kulma jintqal.

X'jiġri waqt is-smiġħ tal-arrest preventiv?

Waqt is-smiġħ il-prosekutur jiddikjara l-att li inti ssuspettat li wettaqt. Inti jkollok ukoll l-opportunità li titkellem għalik innifsek. Il-prosekutur, l-avukat tiegħek u l-imħallef għandhom kollha kemm huma d-dritt li jistaqsuk xi

mistoqsijiet. Inti tiddeċiedi jekk tixtieqx twieġeb għal dawn il-mistoqsijiet jew le. Normalment la l-vittma tad-delitt u lanqas ix-xhieda ma jiġu interrogati waqt is-smiġħ tal-arrest preventiv. Iżda dak li inti tkun għidt waqt l-interrogazzjoni tal-pulizija jista' jinqara. Il-prosekutur jista' wkoll jiddeskrivi l-eżitu tal-eżamijiet forensiċi jew mediċi.

L-ordni ta' arrest preventiv

Wara l-proċeduri, il-qorti distrettwali tirtira sabiex tikkunsidra jekk għandekx tinżamm taħt arrest preventiv jew le. Il-qorti distrettwali mbagħad tħabbar id-deċiżjoni tagħha fil-preżenza tiegħek. Jekk ma tinżammx arrestat, inti għandek id-dritt li titlaq minnufih. Jekk tinżamm arrestat, il-qorti tiddeċiedi fl-istess ħin d-data ta' skadenza biex il-prosekutur jibda l-proċeduri fil-qorti. Il-qorti distrettwali normalment tiddeċiedi li l-prosekuzzjoni għandha titressaq fi żmien ġimgħatejn mill-ordni tal-arrest preventiv. Sakemm tistenna s-smiġħ prinċipali li jsir fil-qorti distrettwali, inti tinżamm taħt arrest preventiv.

X'jiġri jekk l-investigazzjoni ma tkunx intemmet sad-data stabbilita mill-qorti distrettwali?

Jekk tkun għadek issuspettat sal-iskadenza taż-żmien stabbilit mill-qorti distrettwali sabiex jinbdew il-proċeduri u l-investigazzjoni tkun għadha għaddejja, il-prosekutur jista' jitlob estensjoni taż-żmien sabiex iressaq il-prosekuzzjoni. Jista' jkun meħtieġ smiġħ ieħor biex jiġi vvalutat jekk inti għandekx tibqa' miżmum arrestat. Dan is-smiġħ ġdid normalment isir permezz tal-konferenza bil-vidjow, li jfisser li inti tiegħu sehem minn fejn tkun qed tinżamm arrestat akkumpanjat mill-avukat tiegħek, il-prosekutur jiegħu sehem mill-uffiċċju tiegħu, u l-imħallef ikun fl-awla tal-qorti distrettwali.

X'jiġri jekk ninżamm taħt arrest preventiv b'livell aktar baxx ta' sospett?

Jekk tinżamm arrestat bħala persuna ssuspettata ta' delitt minħabba 'bażi raġonevoli', il-prosekutur għandu jippreżenta aktar provi kontrik fi żmien ġimgħa biex b'hekk is-suspetti jkunu msaħħa sabiex jilħqu l-livell ta' 'raġunijiet probabbli'. F'kull każ ieħor inti għandek tinħeles.

X'jiġri fil-każ ta' Mandat ta' Arrest Ewropew?

Jekk jinħareġ [Mandat ta' Arrest Ewropew](#) fi Stat Membru ieħor, din it-talba tista' tiġi eżaminata minn qorti fil-pajjiż fejn tkun tinsab f'dak il-mument. Il-qorti mbagħad tiddeċiedi jekk għandekx tkunx estradit lejn il-pajjiż li għamel din it-talba. Inti intitolat ukoll li tkellem avukat u li jkollok interpretu waqt dan is-smiġħ. Prosekutur jista' jiddeċiedi li tiġi arrestat qabel ma jsir dan is-smiġħ u l-qorti tista' tiddeċiedi li għandek tinżamm taħt arrest preventiv sakemm ikun possibbli li tiġi estradit. Il-qorti ma tikkunsidrax il-kwistjoni tal-ħtija tiegħek iżda biss il-kwistjoni dwar jekk ir-rekwiżiti formali għall-estradizzjoni ġewx issodisfati.

X'restrizzjonijiet jista' jkun hemm fuq id-dritt tiegħi li nikkuntattja lil persuni oħrajn?

Meta tiddeċiedi dwar l-arrest preventiv tiegħek, il-qorti distrettwali tiddeċiedi wkoll jekk il-prosekutur għandux ikollu d-dritt li jillimita l-kuntatti tiegħek ma' barra, jiġifieri li taqra l-gazzetti jew tara t-televiżjoni, kif ukoll li tikkuntattja lill-ħbieb u lill-familja. L-istess japplika fir-rigward tal-possibbiltajiet tiegħek li titħallat ma' priġunieri oħrajn. Huwa l-prosekutur li jiddeċiedi safejn għandhom jaslu dawn ir-restrizzjonijiet. Madankollu, inti intitolat li tikkuntattja lill-avukat tiegħek u lill-ambaxxata tiegħek fi kwalunkwe ħin.

Għandi d-dritt li nibgħat u nirċievi ittri?

Inti għandek id-dritt li tikteb ittri lil kull min trid, iżda l-ittri kollha li tibgħat u li tirċievi jinqraw mill-prosekutur. Jekk l-ittri jkun fihom xi ħaġa dwar id-delitt issuspettat, l-ittra tista' ma tintbagħatx lir-riċevitur jew inkella dawk il-partijiet tat-test jitħassru. Il-korrispondenza tiegħek mal-avukat tiegħek qatt ma tinqara minn xi ħadd ieħor, ikun x'ikun il-kontenut tal-ittri.

Nista' nappella mill-ordni ta' arrest preventiv?

Jekk ma tkunx sodisfatt bil-fatt li nżammejt taħt arrest preventiv, tista' tappella mill-ordni tal-arrest preventiv lill-Qorti tal-Appell. Il-Qorti tal-Appell imbagħad tistudja d-dokumenti mill-qorti distrettwali mingħajr ma tagħmel smiġh u tikkunsidra jekk għandekx tinżamm taħt arrest preventiv jew le. Huwa possibbli li d-deċiżjoni tal-Qorti tal-Appell tiġi rrinvjata lill-Qorti Suprema, iżda huma meħtieġa raġunijiet speċjali biex l-appell tiegħek jinstema' hemmhekk.

Jista' jiġri xi ħaġa li twassal sabiex niġi lliberat?

Jekk ma jkunx hemm aktar raġunijiet li għalihom inti għandek tinżamm arrestat, il-prosekutur ikollu jordna li jintemm l-arrest preventiv. Dan jista' jkun minħabba li l-provi kontrik ikunu ddgħajfu, jew minħabba li ma jkunx hemm aktar raġunijiet speċjali li għalihom inti għandek tinżamm arrestat għax, pereżempju, ma' jkunx għad hemm il-ħsieb li inti tista' tfixkel l-investigazzjoni. Jekk il-qorti tiddeċiedi waqt smiġh ta' arrest preventiv ġdid li m'għadx fadal raġunijiet li għalihom għandek tinżamm arrestat, il-qorti għandha tordna l-liberazzjoni tiegħek minnufih.

Nista' ninħeles mill-arrest taħt garanzija?

M'huwiex possibbli li tinħeles mill-arrest taħt garanzija fl-Isvezja.

Il-kontinwazzjoni tal-investigazzjoni tal-pulizija (4)

Il-pulizija jipproduċu biss provi kontrija?

Fit-tmexxija tal-investigazzjoni tagħhom, il-pulizija huma obbligati li jipproduċu l-provi favurik kif ukoll kontrik. Jekk tixtieq li l-pulizija tinterroga individwi partikolari, għandek tiddiskuti dan mal-avukat tiegħek qabel ma tagħmel it-talba lill-pulizija.

Il-pulizija għandhom id-dritt li jagħmlu perkwiżizzjonijiet, jieħdu kampjuni tad-DNA, marki tas-swaba' eċċ.?

Sakemm ikollhom mandat mingħand il-prosekutur, il-pulizija għandhom id-dritt li jagħmlu perkwiżizzjoni f'darek, fil-post tax-xogħol tiegħek, fil-karozza tiegħek jew fi kwalunkwe post ieħor rilevanti għall-investigazzjoni. Dan japplika biss jekk inti tkun issuspettat li wettaqt xi delitt li jista' jwassal għal sentenza ta' priġunerija. Jista' jkun hemm ukoll ordnijiet biex issir perkwiżizzjoni fuq il-persuna u jsiru eżamijiet fiżiċi u jittieħdu kampjuni tad-DNA. F'ċerti każijiet jista' jkun meħtieġ li jeżaminak tabib sabiex jara jekk għandekx xi ġriegħi fuq ġismek u jekk dawn jistgħux ikunu marbuta mad-delitt li inti tkun issuspettat li wettaqt. Jekk inti tiġi arrestat jew tinżamm taħt arrest preventiv, inti obligat ukoll li tħalli li jittieħdu l-marki tas-swaba' tiegħek kif ukoll ritratti tiegħek.

Għandi d-dritt li neżamina l-investigazzjoni tal-pulizija?

Waqt il-kontinwazzjoni tal-investigazzjoni tagħhom, il-pulizija jiġbru materjal li jipprovdi l-bażi għad-deċiżjoni tal-prosekutur dwar jekk inti għandekx tiġi mħarrek jew le. Qabel ma l-prosekutur jieħu din id-deċiżjoni, inti għandek id-dritt li teżamina l-investigazzjoni kollha bl-għajjnuna ta' interpretu jew traduttur. Normalment ma jkunx hemm biżżejjed żmien biex l-investigazzjoni tiġi tradotta fil-lingwa tiegħek, iżda inti għandek id-dritt li tkun taf il-kontenut permezz ta' interpretu li jaqralek dak li jkun hemm fl-investigazzjoni. L-avukat tiegħek huwa wkoll intitolat li jeżamina l-investigazzjoni.

X'jiġri jekk is-suspetti jinbidlu waqt l-investigazzjoni?

Is-suspetti kontrik jistgħu jinbidlu waqt l-investigazzjoni. Dan ifisser li jistgħu jiżdiedu aktar suspetti dwar id-delitt, filwaqt li jista' jirriżulta li oħrajn ikunu mingħajr bażi jew diffiċli li jkunu ppruvati. Barra minn hekk, jista' jkun hemm bidliet fir-rigward ta' liema delitt inti ssuspettat li wettaqt. Il-pulizija huma obbligati li jinfurmawk dwar kwalunkwe bidla ta' dan it-tip fis-suspetti tagħhom.

It-tnejjija tal-każ mid-difiża (5)

Għandi d-dritt li nitlob li jsiru żidiet fl-investigazzjoni tal-pulizija?

Inti u l-avukat tiegħek għandkom id-dritt li titolbu li l-pulizija jinkludu fl-investigazzjoni kwistjonijiet oħrajn li taħsbu li huma importanti. Dan japplika kemm fir-rigward tal-interrogazzjoni ta' diversi persuni kif ukoll fir-rigward ta' informazzjoni bil-miktub jew investigazzjonijiet minn esperti.

Huwa importanti ħafna li tirrevedi bir-reqqa l-investigazzjoni kollha sabiex il-materjal ippreżentat lill-prosekutur bħala l-bażi għad-deċiżjoni jkun komplut kemm jista' jkun. Għalkemm jistgħu jsiru xi żidiet fl-investigazzjoni wara li tkun bdiet il-prosekuzzjoni, jista' jkun aħjar mill-perspettiva tiegħek li tipprova ġgħiegħel lill-prosekutur jagħlaq l-investigazzjoni sabiex tevita li tiġi mħarrek.

L-avukat tiegħi jista' jwettaq investigazzjoni waħdu?

Inti u l-avukat tiegħek ukoll għandkom id-dritt li twettqu l-investigazzjonijiet tagħkom. Il-problema hija, madankollu, li normalment ikun hemm żmien limitat li fih jistgħu jsiru dawn l-investigazzjonijiet, b'mod speċjali tkun miżmum arrestat. Barra minn hekk, ikun ġeneralment diffiċli għall-avukat tiegħek li jikseb ħlas mill-qorti għall-investigazzjonijiet personali. Iżda m'hemmx ostakoli legali li jżommuk milli twettaq l-investigazzjonijiet tiegħek.

Il-prosekuzzjoni (6)

F'liema ċirkostanzi nista' nitħarrek mill-prosekutur?

Jekk il-prosekutur jemmen li inti tista' tkun ikkundannat, huwa intitolat li jipproċedi kontrik. Imbagħad huwa jippreżenta applikazzjoni għal ċitazzjoni lill-qorti distrettwali li fiha jiddikjara d-delitt li inti ssuspettat li wettaqt, għalfejn inti ssuspettat li wettaqt dak id-delitt u liema provi qed iressaq il-prosekutur.

Meta għandha titressaq il-prosekuzzjoni?

Jekk inti tkun taħt arrest, il-prosekutur għandu jibda l-prosekuzzjoni fl-iskadenzi stabbiliti mill-qorti. Fin-nuqqas ta' dan il-qorti tħassar l-ordni ta' arrest tiegħek.

Jekk ma tkunx taħt arrest, il-prosekutur għandu jibda l-prosekuzzjoni qabel id-delitt ikun preskritt. Il-preskrizzjoni ta' delitt hija sentejn jew aktar. Aktar ma jkun serju d-delitt, aktar tkun twila l-preskrizzjoni. Issa m'hemmx preskrizzjoni għall-prosekuzzjoni ta' ċerti delitti serji ħafna bħall-qtil.

Meta jinstema' l-każ fil-qorti distrettwali?

Meta tibda l-prosekuzzjoni, il-qorti distrettwali tħarrek lilek u lil persuni oħrajn li għandhom ikunu interrogati għal smiġh. Jekk inti tkun taħt arrest, is-smiġh isir mill-aktar fis possibbli, iżda sa mhux aktar tard minn ġimagħtejn mid-data li fiha tkun bdiet il-prosekuzzjoni.

Hemm limiti speċjali ta' żmien għall-minorenni taħt it-18-il sena. Is-smiġh prinċipali normalment isir fi żmien ġimgħatejn minn meta tibda l-prosekuzzjoni.

Hemm alternattiva oħra għall-prosekuzzjoni?

Jekk id-delitt ma jkunx daqshekk serju u inti tiddikjara lilek innifsek ħati, tista' tiġi ordnat tħallas penali sommarja minflok ma tiġi mħarrek. Il-prosekutur joħroġ din l-ordni u jistabbilixxi l-livell tal-multa li għandek tħallas. Jekk tippreżenta ammissjoni ta' ħtija u tħallas il-multa, ma jkunx hemm proċeduri quddiem il-qorti kriminali. Imbagħad ma tkunx tista' tappella kontra l-ordni ta' penali sommarja. Fir-reġistru tal-kundanni kriminali jitniżżel li inti aċċettajt l-ordni tal-penali sommarja.

Links relatati

[Il-Qrati Svediżi](#)

[L-Awtorità Svediża tal-Prosekuzzjoni](#)

■ L-aħħar aġġornament: 22/04/2025

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-orijinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidhirx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċettax responsabbilta jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.